**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Jannar, 2017**

Kawza Numru: 36/2016JB

Numru: 8

**Saviour sive Sammy u Maryanne konjugi Spiteri**
**(K.I.: 28571G u 6174G rispettivament)**

***vs***

**Sindku u Segretarju tal-Kunsill Lokali Munxar**
**in rapprezentanza tal-istess Kunsill Lokali Munxar**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-16 ta' Settembru 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Atturi talbu li l-Kunsill Lokali Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u zewg euro u sebghin centezmu (€402.70) liema somma tirraprezenta prezz ta' xoghol ta' *patching* b'*hot mix asphalt* fi Pjazza San Pawl gewwa l-Munxar. Talbu wkoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali li pprezentaw f'Gunju 2016 u l-imghax mid-data tal-fattura.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2016 (a fol 6);

Ra li l-Kunsill Konvenut, debitament notifikati bl-atti (a fol 3ter), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar l-4 ta' Ottubru 2016 ipprezenta risposta (a fol 14) fejn fiha eccepixxa li t-talba hi infondata fil-fatt u fid-dritt peress li x-xoghol *de quo* kien hazin u ma sarx skond l-arti u s-sengha u ma setax jigi certifikat mill-perit tal-Kunsill.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Acceda fuq il-post u kkonstata x-xoghol *de quo*;

Ra li l-kawza giet posposta ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda hlas ta' appalt. L-Attur jghid li hu tqabbad mill-Kunsill Konvenut sabiex iwettaq xoghol fil-Munxar. Il-Kunsill Lokali Konvenut jilqa' ghal din l-azzjoni billi jghid li l-appalt ma sarx sew tant li ma giex certifikat mill-perit.

Ikkunsidra;

Illi fil-kawza xehdu l-partijiet u l-Perit William Lewis. Il-Perit Lewis (a fol 23) stqarr li hu l-perit tal-Kunsill Lokali konvenut u kien responsabbli minn xoghol ta' tisbih li sar fil-pjazza. Jghid li sussegwentement kellu jsir xi xoghol ta' *connection* tat-telefon u kellha tinqala' parti mit-triq li tigi biswit ix-xoghol li sar. L-Attur tqabbad jaghmel il-*patching*. Jghid li x-xoghol ma giex pulit u ghad li mhux qed jikkontesta l-kejl, qieghed joggezzjona ghall-kwalita. Jghid li x-xoghol sar billi l-kuntrattur ferrex l-asfalt u llivellah u ma uzax ir-romblu. Jghid li x-xoghol irid jinqala' u jsir mill-gdid.

Illi min-naha taghhom il-partijiet – meta xehdu waqt l-access – qeghdin jaqblu dwar dak li gara ghalkemm l-Attur jinsisti li x-xoghol sar sew u r-rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Konvenut jghidu li x-xoghol ma giex a sodisfazzjon taghhom. Jirrizulta car li sal-lum ix-xoghol baqa' ma nqalax.

Ikkunsidra;

Illi mill-provi jidher li l-kwistjoni odjerna tirrigwarda d-dehra ta' xoghol ta' *patching* li sar mill-Attur. L-Attur kien tqabbad sabiex jaghmel xoghol ta' pavimentar fil-pjazza. Imbaghad kellha tinqala' bicca mit-triq u tqabbad sabiex jaghmel il-*patching* biswit il-pavimentar. Il-Perit u r-rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Konvenut jghidu li x-xoghol ma giex sew ghad li mhux jikkontestaw il-kwantitajiet.

Fil-fehma tat-Tribunal, din il-kwistjoni hija wahda ta' estetika. Sabiex tinstab soluzzjoni, il-Partijiet talbu li jsir access. It-Tribunal kellu l-opportunita jikkonstata x-xoghol u fil-waqt li *patching* mhuwiex wiehed felici, jidher li dan mhuwiex wisq differenti minn xoghol ta' patching iehor fl-istess inhawi. Il-verita hi li bi ftit ippjanar, ma kienetx tinqala' t-triq ftit wara li saru xogholijiet.

Illi fuq kollox, irid jigi kkunsidrat illi fil-fattura (a fol 2) hemm tlitt partiti:

| | |
|---|---|
| - Tqattiegh u rimi tat-tarmac: | €47.25 |
| - Materjal: | €224.00 |
| - Manodopera: | €70 |

Illi bir-rispett kollu, wiehed ma jistax jippretendi li ghas-somma ta' €70 oltre l-VAT il-kuntrattur huwa mistenni jaqla' romblu biex iwitti l-*patching* kif qed jippretendi l-perit tal-Kunsill Lokali Konvenut. Fil-fehma tat-Tribunal, ix-xoghol li sar huwa komparabbli ghall-prezz li gie fatturat u ma ngiebet ebda prova li l-Attur kellu struzzjonijiet diversi.

Fic-cirkostanzi, t-talba attrici se tintlaqa' prevja li l-eccezzjoni tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Kunsill Lokali Konvenut, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Kunsill Lokali Konvenut ihallas lill-Atturi s-somma ta' €402.70, bl-imghax kummercjali skond il-ligi. L-ispejjez kollha tal-proceduri ghandhom ikunu sopportati mill-Kunsill Lokali Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*